DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Novembru 2012

li tadotta t-tielet lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8167)

(2013/25/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan imsemmi fl-Artikolu 1(c)(iii) tad-Direttiva 92/43/KEE huwa magħmul mill-arċipelagi tal-Ażores u l-Madejra (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja) fl-Oċean Atlantiku, kif speċifikat fil-mappa bijoġeografika approvata fl-20 ta' April 2005 mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat dwar il-Ħabitats".

(2) Fil-kuntest ta' proċess li nbeda fl-1995 jeħtieġ li jsir aktar progress fit-twaqqif reali tan-netwerk Natura 2000, li huwa element essenzjali tal-ħarsien tal-bijodiversità fl-Unjoni.

(3) Il-lista inizjali u l-ewwel żewġ listi aġġornati tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan, skont it-tifsira tad-Direttiva 92/43/KEE, ġew adottati bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2002/11/KE [2], 2008/95/KE [3] u 2009/1001/UE [4]. Abbażi tal-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnomina s-siti inklużi fil-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni malajr kemm jista' jkun u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin, waqt li jistabbilixxi prijoritajiet ta' konservazzjoni u l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa.

(4) Il-listi tas-siti ta' importanza Komunitarja jiġu riveduti fil-kuntest ta' adattament dinamiku tan-netwerk Natura 2000. Għalhekk huwa meħtieġ aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan.

(5) Min-naħa l-waħda, l-aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan huwa meħtieġ sabiex jiġu inklużi s-siti addizzjonali li ġew proposti mill-Istati Membri mill-2010 sal-lum bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan, skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għal dawn is-siti addizzjonali, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE għandhom japplikaw malajr kemm jista' jkun u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Min-naħa l-oħra, l-aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan huwa meħtieġ sabiex jirrifletti kwalunkwe bidla fit-tagħrif li għandu x'jaqsam mas-siti mressqa mill-Istati Membri wara l-adozzjoni tal-lista inizjali u tal-ewwel żewġ listi aġġornati tal-Unjoni. F'dak is-sens, il-lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan tikkostitwixxi verżjoni kkonsolidata tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan. Madankollu, wieħed għandu jenfasizza li għal kwalunkwe sit inkluż fid-Deċiżjoni, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE għandhom japplikaw malajr kemm jista' jkun u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin mill-adozzjoni tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja li fiha s-sit ikun iddaħħal għall-ewwel darba.

(7) Għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan, il-listi tas-siti proposti bħala siti ta' importanza Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE ntbagħtu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati bejn Novembru 1997 u Ottubru 2011, skont l-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva.

(8) Il-listi tas-siti proposti kienu akkumpanjati b'informazzjoni dwar kull sit, forniti fil-format stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/266/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 rigward format ta' informazzjoni dwar siti, għas-siti proposti f'Natura 2000 [5]

(9) Dak it-tagħrif jinkludi l-mappa tas-sit li ntbagħtet mill-Istati Membri kkonċernati, l-isem, il-post u l-firxa tas-sit, u d-dejta li nġabret bl-applikazzjoni tal-kriterji speċifikati fl-Anness III tad-Direttiva 92/43/KEE.

[1] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
[2] ĠU L 5, 9.1.2002, p. 16.
[3] ĠU L 31, 5.2.2008, p. 39.
[4] ĠU L 344, 23.12.2009, p. 46.
[5] ĠU L 107, 24.4.1997, p. 1.

(10) Abbażi tal-abbozz tal-lista mfassla mill-Kummissjoni bi qbil ma' kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, li jidentifika wkoll is-siti li għandhom tipi ta' ħabitats naturali ta' prijorità jew speċijiet ta' prijorità, għandha tiġi adottata lista aġġornata ta' siti magħżulin bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan.

(11) L-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim tat-tipi ta' ħabitats naturali u tal-ispeċijiet qiegħed jevolvi kontinwament minħabba s-sorveljanza skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għalhekk, l-evalwazzjoni u l-għażla tas-siti fil-livell tal-Unjoni saru bl-użu tal-aqwa tagħrif disponibbli bħalissa.

(12) Uħud mill-Istati Membri ma pproponewx biżżejjed siti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43/KEE għal ċerti tipi ta' ħabitats u speċijiet. Għalhekk, għal dawk it-tipi ta' ħabitats u speċijiet, ma jistax jiġi konkluż li n-netwerk Natura 2000 huwa komplut. Meta wieħed iqis id-dewmien biex jasal it-tagħrif u jintlaħaq qbil mal-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi adottata lista aġġornata tas-siti, li se jkun meħtieġ li tiġi riveduta skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(13) Ladarba l-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim ta' xi whud mit-tipi ta' ħabitats naturali tal-Anness I u tal-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE għadu mhux komplut, la għandu jiġi konkluż li n-netwerk Natura 2000 huwa komplut u lanqas li mhuwiex. Il-lista għandha tiġi riveduta, jekk ikun meħtieġ, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(14) Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, id-Deċiżjoni 2009/1001/UE għandha tiġi rrevokata.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħabitats,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tielet lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/43/KEE hija stipulata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2009/1001/UE hija b'dan revokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

It-tielet lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaronežjan

Kull sit ta' importanza Komunitarja (SIK) huwa identifikat mit-tagħrif mogħti fil-format tan-Natura 2000, inkluż il-mappa korrispondenti. Dan it-tagħrif intbagħat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti t-tagħrif li ġej:

A: kodiċi tas-SIK b'disa' karattri, fejn l-ewwel tnejn jindikaw il-kodiċi ISO tal-Istat membru;

B: isem is-SIK;

C: * = il-preżenza fis-SIK ta' mill-inqas tip ta' ħabitat naturali wieħed u / jew speċi waħda ta' prijorità skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE;

D: is-superfiċje tas-SIK f'ettari jew it-tul tas-SIK f'km;

E: il-koordinati ġeografiċi tas-SIK (il-latitudni u l-lonġitudni) fi gradi deċimali.

It-tagħrif kollu mogħti fil-lista tal-Unjoni ta' hawn taħt huwa bbażat fuq id-dejta proposta, mibgħuta u vvalidata minn Spanja u l-Portugall.

A	B	C	D		E	
Kodiċi tas-SIK	Isem is-SIK	*	Superfiċje tas-SIK (ha)	Tul tas-SIK (km)	Koordinati ġeografiċi tas-SIK	
					Lonġitudni	Latitudni
ES0000041	Ojeda, Inagua y Pajonales	*	3 527,6		– 15,6947	27,9372
ES0000043	Caldera de Taburiente	*	4 354,7		– 17,8678	28,7264
ES0000044	Garajonay	*	3 785,4		– 17,2500	28,1203
ES0000096	Pozo Negro	*	9 995		– 13,9667	28,2667
ES0000102	Garoé	*	1 124		– 17,9411	27,7864
ES0000108	Los Órganos	*	149,7		– 17,2667	28,2167
ES0000111	Tamadaba	*	7 448,7		– 15,7236	28,0228
ES0000112	Juncalillo del Sur		186,3		– 15,4769	27,7953
ES0000113	Macizo de Tauro	*	1 244,1		– 15,6994	27,9078
ES0000141	Parque Nacional de Timanfaya		5 180,7		– 13,7694	29,0139
ES7010002	Barranco Oscuro	*	33,4		– 15,5908	28,0631
ES7010003	El Brezal	*	109,1		– 15,6003	28,1081
ES7010004	Azuaje	*	456,3		– 15,5686	28,0944
ES7010005	Los Tilos de Moya	*	89		– 15,5917	28,0864
ES7010006	Los Marteles	*	2 803,7		– 15,5333	27,9589
ES7010007	Las Dunas de Maspalomas	*	360		– 15,5839	27,7386
ES7010008	Güigüí	*	2 897,7		– 15,8131	27,9500
ES7010010	Pilancones	*	5 781,6		– 15,6369	27,8594
ES7010011	Amagro	*	487,6		– 15,6756	28,1264

A	B	C	D		E	
ES7010012	Bandama		592,9		– 15,4492	28,0325
ES7010014	Cueva de Lobos	*	7 027,5		– 14,2556	28,3028
ES7010016	Área marina de La Isleta	*	8 562		– 15,4525	28,1736
ES7010017	Franja marina de Mogán	*	29 993		– 15,5531	27,7581
ES7010018	Riscos de Tirajana	*	749,6		– 15,5753	27,9525
ES7010019	Roque de Nublo	*	446,4		– 15,6156	27,9628
ES7010020	Sebadales de La Graciosa		1 192		– 13,5036	29,2222
ES7010021	Sebadales de Guasimeta		1 276		– 13,5972	28,9300
ES7010022	Sebadales de Corralejo	*	1 946,6		– 13,8306	28,7164
ES7010023	Malpaís de la Arena		849,8		– 13,9167	28,6333
ES7010024	Vega de Río Palmas	*	365,7		– 14,0644	28,4036
ES7010025	Fataga	*	2 725,9		– 15,5778	27,9017
ES7010027	Jinámar	*	30,7		– 15,4275	28,0342
ES7010028	Tufia	*	51,3		– 15,3786	27,9619
ES7010031	Islote de Lobos	*	452,7		– 13,8233	28,7461
ES7010032	Corralejo	*	2 689,3		– 13,8500	28,6789
ES7010033	Jandía	*	14 972,5		– 14,3514	28,0975
ES7010034	Montaña Cardón	*	1 233,6		– 14,1569	28,2558
ES7010035	Playa de Sotavento de Jandía	*	5 461,1		– 14,2111	28,1583
ES7010036	Punta del Mármol	*	29,9		– 15,6153	28,1492
ES7010037	Bahía del Confital		634,2		– 15,4542	28,1444
ES7010038	Barranco de La Virgen	*	559,4		– 15,5931	28,0492
ES7010039	El Nublo II	*	13 956		– 15,6689	27,9617
ES7010040	Hoya del Gamonal	*	627,3		– 15,5756	27,9831
ES7010041	Barranco de Guayadeque	*	709,4		– 15,4619	27,9244
ES7010042	La Playa del Matorral	*	95,58		– 14,3261	28,0347
ES7010044	Los Islotes		151,2		– 13,5325	29,2978
ES7010045	Archipiélago Chinijo	*	8 865,3		– 13,5683	29,1011
ES7010046	Los Volcanes		9 986,1		– 13,7394	29,0486
ES7010047	La Corona	*	2 602,4		– 13,4386	29,1781
ES7010048	Bahía de Gando	*	477,7		– 15,3758	27,9250
ES7010049	Arinaga	*	92,4		– 15,3906	27,8664
ES7010052	Punta de la Sal	*	136		– 15,3914	27,8797
ES7010053	Playa del Cabrón		956,2		– 15,3917	27,8547
ES7010054	Los Jameos		234,7		– 13,4331	29,1542

A	B	C	D		E	
ES7010055	Amurga	*	5 341,2		– 15,5350	27,8431
ES7010056	Sebadales de Playa del Inglés	*	2 721,5		– 15,5500	27,7556
ES7010062	Betancuria	*	3 328,8		– 14,3514	28,0975
ES7010063	Nublo	*	7 107,5		– 15,7589	27,8939
ES7010064	Ancones-Sice		223,3		– 14,0739	28,3192
ES7010065	Malpaís del Cuchillo		55,4		– 13,6783	29,0978
ES7010066	Costa de Sardina del Norte		1 426,5		– 15,7075	28,1367
ES7011001	Los Risquetes		9,1		– 13,6500	29,1083
ES7011002	Cagafrecho		633,1		– 13,6667	28,9167
ES7011003	Pino Santo		1 564,8		– 15,4719	28,0528
ES7011004	Macizo de Tauro II		5 117,6		– 15,6889	27,8258
ES7011005	Sebadales de Güigüí	*	7 219,74		– 15,8706	27,9522
ES7020001	Mencáfete	*	454,6		– 18,0786	27,7306
ES7020002	Roques de Salmor		3,5		– 17,9944	27,8231
ES7020003	Tibataje	*	592,7		– 18,0000	27,7750
ES7020004	Risco de Las Playas	*	966,9		– 17,9633	27,7100
ES7020006	Timijiraque	*	375,1		– 17,9203	27,7731
ES7020008	Pinar de Garafía	*	1 027,5		– 17,8794	28,7792
ES7020009	Guelguén	*	1 062,4		– 17,8717	28,8200
ES7020010	Las Nieves	*	5 114,6		– 17,8181	28,7500
ES7020011	Cumbre Vieja	*	7 522,1		– 17,8489	28,5864
ES7020012	Montaña de Azufre		75,8		– 17,7703	28,5606
ES7020014	Risco de la Concepción	*	65,7		– 17,7747	28,6789
ES7020015	Costa de Hiscaguán		249,9		– 17,9661	28,8108
ES7020016	Barranco del Jorado		98,2		– 17,9600	28,7017
ES7020017	Franja marina Teno-Rasca	*	69 500		– 16,8953	28,2722
ES7020018	Tubo volcánico de Todoque		1,7		– 17,8900	28,6003
ES7020020	Tablado	*	223,6		– 17,8831	28,8069
ES7020021	Barranco de las Angustias	*	1 699		– 17,9025	28,6919
ES7020022	Tamanca	*	2 073,1		– 17,8778	28,5700
ES7020024	Juan Mayor	*	28,3		– 17,7792	28,6844
ES7020025	Barranco del Agua	*	74,2		– 17,7414	28,7222
ES7020026	La Caldereta	*	18		– 18,0114	27,7411
ES7020028	Benchijigua	*	483,2		– 17,2253	28,1008
ES7020029	Puntallana	*	285,7		– 17,1153	28,1247
ES7020030	Majona	*	1 975,7		– 17,1569	28,1389
ES7020032	Roque Cano	*	57,1		– 17,2561	28,1803

A	B	C	D		E	
ES7020033	Roque Blanco	*	29,8		– 17,2394	28,1656
ES7020034	La Fortaleza	*	53,1		– 17,2736	28,0981
ES7020035	Barranco del Cabrito	*	1 160,4		– 17,1642	28,0814
ES7020037	Lomo del Carretón	*	248,5		– 17,3194	28,1428
ES7020039	Orone	*	1 706,6		– 17,2642	28,0889
ES7020041	Charco del Conde		9,2		– 17,3358	28,0856
ES7020042	Charco de Cieno	*	5,2		– 17,3439	28,0983
ES7020043	Parque Nacional del Teide	*	18 993,1		– 16,6167	28,2344
ES7020044	Ijuana	*	901,8		– 16,1342	28,5572
ES7020045	Pijaral	*	295,7		– 16,1817	28,5583
ES7020046	Los Roques de Anaga	*	9,8		– 16,1586	28,5914
ES7020047	Pinoleris	*	178,4		– 16,4883	28,3828
ES7020048	Malpaís de Güímar	*	286		– 16,3681	28,3050
ES7020049	Montaña Roja	*	163,96		– 16,5464	28,0297
ES7020050	Malpaís de la Rasca		312,7		– 16,6931	28,0061
ES7020051	Barranco del Infierno	*	1 824,1		– 16,7111	28,1214
ES7020052	Chinyero	*	2 380		– 16,7839	28,2978
ES7020053	Las Palomas	*	582,7		– 16,4578	28,3975
ES7020054	Corona Forestal	*	41 067,7		– 16,6186	28,1831
ES7020055	Barranco de Fasnia y Güímar	*	151,1		– 16,4511	28,2553
ES7020056	Montaña Centinela		130,7		– 16,4586	28,1531
ES7020057	Mar de Las Calmas	*	9 898,4		– 18,0658	27,6475
ES7020058	Montañas de Ifara y Los Riscos		284,9		– 16,5342	28,0797
ES7020061	Roque de Jama	*	92,5		– 16,6436	28,0900
ES7020064	Los Sables	*	3,1		– 17,9167	28,8033
ES7020065	Montaña de Tejina	*	167,7		– 16,7544	28,1875
ES7020066	Roque de Garachico		3,04		– 16,7606	28,3781
ES7020068	La Rambla de Castro	*	45		– 16,5875	28,3961
ES7020069	Las Lagunetas	*	3 568,3		– 16,4106	28,4225
ES7020070	Barranco de Erques	*	262,7		– 16,7847	28,1583
ES7020071	Montaña de la Centinela	*	15		– 17,7667	28,5417
ES7020072	Montaña de la Breña	*	26,1		– 17,7917	28,6236
ES7020073	Los Acantilados de la Culata	*	440,9		– 16,7622	28,3658
ES7020074	Los Campeches, Tigaiga y Ruiz	*	543,5		– 16,6106	28,3531
ES7020075	La Resbala	*	590,6		– 16,4800	28,3719
ES7020076	Riscos de Bajamar	*	26		– 17,7764	28,6667
ES7020077	Acantilado de la Hondura		32,5		– 16,4222	28,1981

A	B	C	D		E	
ES7020078	Tabaibal del Porís		47,5		– 16,4289	28,1706
ES7020081	Interián	*	100,2		– 16,7892	28,3622
ES7020082	Barranco de Ruiz	*	95,3		– 16,6253	28,3808
ES7020084	Barlovento, Garafía, El Paso y Tijarafe	*	5 561,7		– 17,9569	28,7703
ES7020085	El Paso y Santa Cruz de La Palma	*	1 390,5		– 17,8583	28,6744
ES7020086	Santa Cruz de La Palma	*	216		– 17,8172	28,6869
ES7020087	Breña Alta	*	60,8		– 17,8186	28,6203
ES7020088	Sabinar de Puntallana	*	14,1		– 17,7417	28,7333
ES7020089	Sabinar de La Galga	*	81		– 17,7667	28,7667
ES7020090	Monteverde de Don Pedro-Juan Adalid	*	483,1		– 17,9111	28,8250
ES7020091	Monteverde de Gallegos-Franceses	*	1 408,6		– 17,8333	28,8167
ES7020092	Monteverde de Lomo Grande	*	494,9		– 17,8033	28,7903
ES7020093	Monteverde de Barranco Seco-Barranco del Agua	*	1 939,1		– 17,7861	28,7417
ES7020094	Monteverde de Breña Alta	*	823,2		– 17,8083	28,6667
ES7020095	Anaga	*	10 340,6		– 16,2242	28,5364
ES7020096	Teno	*	6 119,7		– 16,8550	28,3153
ES7020097	Teselinde-Cabecera de Vallehermoso	*	2 340,9		– 17,2833	28,1833
ES7020098	Montaña del Cepo	*	1 162		– 17,2000	28,1917
ES7020099	Frontera	*	8 807,4		– 18,1306	27,7542
ES7020100	Cueva del Viento	*	137,7		– 16,6997	28,3453
ES7020101	Laderas de Enchereda	*	682,6		– 17,1833	28,1417
ES7020102	Barranco de Charco Hondo	*	392,4		– 17,2500	28,0500
ES7020103	Barranco de Argaga	*	187,1		– 17,3139	28,0833
ES7020104	Valle Alto de Valle Gran Rey	*	706,8		– 17,3000	28,1000
ES7020105	Barranco del Águila	*	164,4		– 17,1250	28,1333
ES7020106	Cabecera Barranco de Aguajilva	*	140,3		– 17,2864	28,1167
ES7020107	Cuenca de Benchijigua-Guarimiar	*	1 341,4		– 17,2181	28,0611
ES7020108	Taguluche	*	139,5		– 17,3319	28,1431
ES7020109	Barrancos del Cedro y Liria	*	584,18		– 17,1917	28,1583
ES7020110	Barranco de Niágara	*	38,7		– 16,7661	28,1897
ES7020111	Barranco de Orchilla	*	18,4		– 16,6061	28,1089
ES7020112	Barranco de las Hiedras-El Cedro	*	166,4		– 16,4992	28,1892
ES7020113	Acantilado costero de Los Perros	*	65,9		– 16,6925	28,3872
ES7020114	Riscos de Lara	*	103,4		– 16,8181	28,2511
ES7020115	Laderas de Chío	*	197,1		– 16,7914	28,2506
ES7020116	Sebadales del sur de Tenerife	*	2 692,9		– 16,5875	28,0236
ES7020117	Cueva marina de San Juan		0,7		– 16,8167	28,1744

A	B	C	D		E	
ES7020118	Barranco de Icor	*	36,5		– 16,4653	28,2133
ES7020119	Lomo de Las Eras		1,7		– 16,4225	28,1958
ES7020120	Sebadal de San Andrés		582,7		– 16,2083	28,4917
ES7020121	Barranco Madre del Agua	*	9,8		– 16,4850	28,2128
ES7020122	Franja marina de Fuencaliente	*	7 055,2		– 17,8972	28,5472
ES7020123	Franja marina Santiago-Valle Gran Rey	*	13 139		– 17,3139	28,0417
ES7020124	Costa de Garafía		3 475,3		– 17,8686	28,8586
ES7020125	Costa de los Órganos		1 164		– 17,2964	28,2214
ES7020126	Costa de San Juan de la Rambla		1 602,9		– 16,6319	28,4225
ES7020127	Risco de la Mérica	*	38,3		– 17,3431	28,1022
ES7020128	Sebadales de Antequera		272,62		– 16,1308	28,5236
ES7020129	Piña de mar de Granadilla		0,93		– 16,5069	28,0742
PTCOR0001	Costa e Caldeirão - Ilha do Corvo	*	964,02		– 31,1000	39,7000
PTDES0001	Ilhas Desertas	*	11 301,62		– 16,4917	32,5000
PTFAI0004	Caldeira e Capelinhos - Ilha do Faial	*	2 023,05		– 28,7500	38,5833
PTFAI0005	Monte da Guia - Ilha do Faial	*	362,85		– 28,6225	38,5208
PTFAI0006	Ponta do Varadouro - Ilha do Faial	*	19,66		– 28,7833	38,5667
PTFAI0007	Morro de Castelo Branco - Ilha do Faial	*	131,52		– 28,7542	38,5225
PTFLO0002	Zona Central - Morro Alto - Ilha das Flores	*	2 924,68		– 31,2167	39,4500
PTFLO0003	Costa Nordeste - Ilha das Flores	*	1 215,28		31,1667	39,5000
PTGRA0015	Ilhéu de Baixo - Restinga Ilha Graciosa	*	248,65		– 27,9500	39,0139
PTGRA0016	Ponta Branca - Ilha Graciosa	*	74,81		– 28,0397	39,0314
PTJOR0013	Ponta dos Rosais - Ilha de S. Jorge	*	303,8		– 28,3100	38,7533
PTJOR0014	Costa NE e Ponta do Topo - Ilha de S. Jorge	*	3 956,41		– 27,8500	38,5833
PTMAD0001	Laurisilva da Madeira	*	13 354,86		– 17,0500	32,7667
PTMAD0002	Maciço Montanhoso Central da Ilha da Madeira	*	8 212,22		– 16,9242	32,7317
PTMAD0003	Ponta de S. Lourenço	*	2 043,12		– 16,6833	32,7389
PTMAD0004	Ilhéu da Viúva	*	1 822,47		– 16,8639	32,8069
PTMAD0005	Achadas da Cruz		205,82		– 17,2122	32,8442
PTMAD0006	Moledos - Madalena do Mar		18,12		– 17,1339	32,7017
PTMAD0007	Pináculo	*	33,81		– 16,8678	32,6506
PTMAZ0001	Menez Gwen		9 489		– 31,5250	37,8250
PTMAZ0002	Lucky Strike		19 023,5		– 32,3083	37,2833
PTMIG0019	Lagoa do Fogo - Ilha de S. Miguel	*	1 360,42		– 25,4667	37,7667
PTMIG0020	Caloura-Ponta da Galera - Ilha de S. Miguel	*	204,2		– 25,5083	37,7083
PTMIG0021	Banco D. João de Castro (Canal Terceira - S. Miguel)	*	1 643		– 26,6083	38,2264

A	B	C	D		E	
PTPIC0008	Baixa do Sul (Canal do Faial)	*	54,68		– 28,5900	38,5097
PTPIC0009	Montanha do Pico, Prainha e Caveiro - Ilha do Pico	*	8 572		– 28,2917	38,4750
PTPIC0010	Ponta da Ilha - Ilha do Pico	*	394,96		– 28,0333	38,4167
PTPIC0011	Lajes do Pico - Ilha do Pico	*	142,15		– 28,2561	38,3903
PTPIC0012	Ilhéus da Madalena - Ilha do Pico	*	146,4		– 28,5472	38,5333
PTPOR0001	Ilhéus do Porto Santo	*	232,2		– 16,3833	33,0042
PTPOR0002	Pico Branco - Porto Santo		142,72		– 16,2994	33,0900
PTSEL0001	Ilhas Selvagens	*	5 752		– 15,8639	30,0944
PTSMA0022	Ponta do Castelo - Ilha de Sta. Maria	*	320,49		– 25,0342	36,9297
PTSMA0023	Ilhéu das Formigas e Recife Dollabarat (Canal S. Miguel - Sta. Maria)	*	3 542		– 25,7500	37,2500
PTTER0017	Serra Santa Bárbara e Pico Alto - Ilha da Terceira	*	4 760,25		– 27,2919	38,7333
PTTER0018	Costa das Quatro Ribeiras - Ilha da Terceira	*	274,39		– 27,2017	38,8000